MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 1375/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Amanda Calleja**

**- omissis -**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Amanda Calleja detentrici tal-karta tal-identita` numru 99886(M).

Akkuzata talli:

> F'dawn il-Gzejjer bejn is-26 ta' April 2012 u s-27 ta' April 2012 bejn il-hdax ta' filghaxija u nofs il-lejl (11:00pm – 12:00am) minn gewwa l-Lukanda Westin Dragonara, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, ikkommettiet serq ta' 3 kameras tar-ritratti liema serq huwa aggravat bil-valur (aktar minn Euros 232.56 izda mhux aktar minn Euros 2325.58) u bil-'hin' ghad-dannu ta' LIDL Malta Ltd u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti konriha.

Rat li l-imputata Amanda Calleja kienet giet akkuzata tal-istess reat flimkien ma' Jonathan Bezzina fejn dan kien ammetta l-akkuza fil-konfront tieghu u fil-fatt gie ssentenzjat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru (elfejn u tlettax) 2013 filwaqt li ssokktaw il-proceduri fil-konfront tal-imputata Amanda Calleja biss.

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta.

Il-fatti tal-kaz huma fuq serq ta’ diversi “cameras” a dannu tal-kumpannija Lidl Ltd. fejn kien qed isir festin ghall-haddiema kollha fil-Westin Dragonara Hotel bejn is-sitta u ghoxrin (26) u s-seba’ u ghoxrin (27) ta’ April (elfejn u tnax) 2012. Dawn il-“cameras” instabu fil-vettura tal-imputata Amanda Calleja fejn din minn dejjem innegat li kienet taf bihom u l-verzjoni taghha minn dejjem kienet illi peress li kienet tat lift lil Jonathan Bezzina li kien ammetta l-akkuza, dan seta’ poggihom hu stess fil-vettura taghha minghajr ma kienet taf.

**XHIEDA**

Semghet lil **Jonathan Psaila** wara li kien ammetta l-akkuzi tieghu, u fil-fatt dan xehed illi f’dan il-festin tal-haddiema tal-Lidl huwa kien siker. Illi jghid illi meta kien hemm lotterija b’rigali huwa ma rebah xejn u hemmhekk iddecieda li jiehu kamera tar-ritratti u meta qal lil Amanda hija qaltlu li kellha bzonn tnejn u taghtu c-cwievet tal-karrozza sabiex imur jaghmilhom hemm.

Semghet ukoll lill-**Ispettur Trevor Micallef** fejn huwa spjega x’kien intqal mill-imputata Amanda Calleja waqt l-investigazzjoni tas-serqa ta’ hames (5) “cameras”tal-marka Fuji. Huwa jghid illi meta d-dirigenti tal-Lidl indunaw li kienu nsterqu xi “cameras”, marru fuq Jonathan Psaila fejn dan immedjatament hadhom hdejn il-vettura ta’ Amanda Calleja u wrielhom tnejn

minnhom li kienu jinsabu taht is-*seat* ta’ din il-karrozza. Jonathan kien qallhom li kienet qabditu Amanda Calleja sabiex jehodhom. Amanda Calleja min-naha taghha dejjem innegat li qatt qabdet lil xi hadd sabiex jiehu dawn il-“cameras”, tant hu hekk illi hija kienet madwar mejda flimkien ma’ xi kollegi taghha u fuq din il-mejda kien hemm wahda minn dawn il-“cameras” ukoll.

Xehed ukoll wiehed mid-dirigenti tal-Lidl **Kevin Grima** li xehed li kien prezenti dak in-nhar tal-festin u meta ndunaw illi xi “cameras”kienu neqsin, huma marru fuq Jonathan Psaila biex jaraw jekk jafx b’xi haga u dan mill-ewwel hadhom fuq il-karrozza ta’ Amanda. Ta’ min jghid ukoll illi c-cwievet ta’ din il-karrozza kienu fuqu.

Finalment ghad-difiza xehdet l-imputata **Amanda Calleja** illi hija kienet marret ghal dan il-festin u kienet tat lift lil Jonathan li kien jahdem maghha peress li ma kienx isuq. Hija tghid li f’dan ir-riceviment hija qaghdet bil-qieghda ma’ xi nies ohra imbaghad f’xi hin hi u l-persuni li kienu hdejha marru barra madwar mejda ipejpu meta f’hin minnhom gie Jonathan u talabha ic-cwievet tal-karrozza taghha. Hija tghid li dak il-hin hija kienet qed tkellem lil wiehed mid-dirigenti li kien jismu Falzone. Hija tghid li dak il-hin hasbet illi ried imur fil-karrozza sabiex igib il-gakketta li kien halla fiha. Hija regghet innegat l-involviment taghha f’din is-serqa.

Xehed ukoll **David Decelis** li kien wiehed mill-persuni li kien hdejn Amanda Calleja meta hargu barra u jghid illi Jonathan kien gie jsaqsi lill Amanda ghac-cwievet tal-karrozza u hi tathomlu. Huwa jghid ukoll illi meta gie Jonathan halla kamera fuq il-mejda fejn kien hemm huma.

Xehed **Joseph Attard** li wkoll kien mal-klikka ta’ nies li kienu barra jpejjpu mal-imputata u li kkonferma li kien gie Jonathan u talab ic-cwievet lil Amanda.

**KOSTATAZZJONIJIET**

Illi minn ezami tax-xhieda kollha jirrizulta diversi fatturi:

1. li Amanda Calleja ma kellha l-ebda affinita partikolari ma’ Jonathan Psaila;
2. li pero` Amanda Calleja kienet wasslet lil Jonathan ghal dan ir-riceviment ghaliex ma kienx isuq;
3. illi Amanda Calleja kienet rebhet magna tal-hjata li fil-fatt kienet bil-qieghda fuqha waqt li kienet qed tpejjep barra;
4. li Jonathan Psaila kien hareg isaqsiha sabiex taghtih ic-cwievet tal-karrozza;

5. illi fil-fatt zewg (2) “cameras”instabu fil-karrozza tal-imputata senjatament taht wiehed mis-*seats* ta’ quddiem.

Illi pero’ meta tara x-xhieda ta’ Jonathan Psaila awtomatikament tispikka in-nuqqas ta’ kjarezza tal-verzjoni tieghu fejn min-naha l-wahda jghid illi kien xurban u mbaghad min-naha l-ohra jiftakar b’carezza illi Amanda kienet talbitu sabiex jiehu zewg (2) “cameras”. Dak li wkoll jitfa’ aktar dubju fuq il-verzjoni ta’ Jonathan Psaila kien il-fatt li ghalkemm ftakar dan il-fatt, huwa ma tax aktar dettalji bhal per ezempju jekk kienx xi haga istantaneja jew jekk kienux ippjanaw li jiehdu dawn l-affarijiet minn qabel. Il-probabilita’ hi li dawn ma kienux jafu b’dawn ir-rigali u jekk hu hekk kien ikun impossibbli li allura titwemmen il-verzjoni ta’ Psaila li l-imputata qaltlu dak il-hin biex jiehdu tnejn (2) meta l-anqas biss kienu ppjanaw xejn fuqhom.

Anke jekk wiehed jara l-istqarrija tal-istess Psaila; li qeghda tinghata konsiderazzjoni ghal l-unika raguni li hija a beneficcju tal-imputata; hemm hafna inkonsistenzi bhal per ezempju li jghid illi huwa kien rebah magna tal-*gym* meta mal-ezami tad-dokument AC1, jidher li dan ma kien rebah xejn.

Illi ghal dawn ir-raguni, il-Qorti thoss illi il-verzjoni ta’ Jonathan Psaila ma hijiex wahda veritjiera u ghandha tigi skartata. Ghalhekk ma jifdal l-ebda prova ohra li b’xi mod tinduci lil din il-Qorti sabiex issib htija fil-konfront tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi mhux qed issib lill-imputata **Amanda Calleja** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tilliberaha minnhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------